MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 76/2010

**Anton Buttigieg**

**Vs**

**Joseph u Anna Maria konjugi Fenech**

Permezz ta’ rikors prezentat fit-23 ta’ Settembru 2010 l-attur talab lill-qorti sabiex tisma’ l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond l-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti m’ghandhom l-ebda titolu fuq il-fond numru erbgha (4) f’binja bla numru ufficjali maghrufa bhala Binja L fil-qasam tal-Bini tal-Gvern tac-Cawla, Ghawdex.
2. Tordna l-izgumbrament tal-konvenuti fi zmien qasir u perentorju.

Il-konvenuti ma deherux.

Fl-14 ta’ Gunju 2003 kien gie ffirmat konvenju bejn il-partijiet li permezz tieghu l-konvenuti obbligaw ruhhom li jbieghu lill-attur u lil martu l-fond fuq imsemmi. Peress li l-konjugi Fenech ma ressqux ghall-att finali, kienet saret kawza (**Anton Buttigieg vs Joseph Fenech et** Rikors numru: 66/2004). Permezz ta’ sentenza li nghatat minn din il-qorti fit-12 ta’ Gunju 2007 u li giet konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta’ Marzu 2010, il-konvenuti gew kundannati jittrasferixxu l-fond fuq imsemmi lill-attur.

Fil-fatt il-kuntratt ta’ bejgh sar fit-22 ta’ April 2010 fl-atti tan-nutar Dr Jonathan Zammit (fol. 27) u ghall-konvenuti deheret Dr Simone Grech li giet nominata mill-qorti bhala kuratrici ghal min ma jidhirx fuq l-att. Minkejja li l-konvenuti gew interpellati sabiex johorgu mill-fond (ara atti tal-mandat ta’ zgumbrament 189/2010), irrizulta li ghadhom fil-pussess tal-fond.
Ghalhekk mill-atti jidher li t-talbiet tal-attur huma gustifikati. Wara li l-qorti rat l-Artikoli 167 et sequitur ser tghaddi biex tilqa’ t-talbiet tal-attur.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa’ t-talbiet tal-attur:-**

**1. Tiddikjara li l-konvenuti ma ghandhomx titolu fuq il-fond numru erbgha (4) f’binja bla numru ufficjali maghrufa bhala Binja L fil-qasam tal-Bini tal-Gvern tac-Cawla, Ghawdex.**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien tletin (30) jum mil-lum jizgumbraw mill-fond.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti b’dan li l-ispejjez tal-mandat ta’ zgumbrament numru 189/2010 ghandhom jibqghu a karigu tal-attur in kwantu kien gie michud**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------